MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 383/2006

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta (6) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta (Dok. A), u z-zwieg taghhom kien irregistrat bin-numru tmien mija u sitta tas-sena elfejn u tnejn (806/2002).

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

3. Illi l-partijiet prezentament ghandhom il-kawza tas-separazzjoni pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, bin-numru mija u tnax tal-elfejn u hamsa (112/05);

4. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taz-zwieg, jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghal intimat li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini tal-Artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat peress li l-intimat rabat il-kunsens tieghu ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur u dan ai termini tal-Artikolu 19(1)(g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tas-sena 1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti ccelebrat fis-sitta (6) ta’ Gunju elfejn u tnejn (2002) hawn fuq imsemmi, kien null u invalidu ghal-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’ dan ir-rigward.

2. Tordna li n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa’ ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavids prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-6 ta' Gunju 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [g] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u tghatiha affidament.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fis-6 ta' Gunju 2002 meta allura l-attrici, cittadina maltija kellha 22 sena u l-konvenut, cittadin libjan kellu 27 sena, u wara li l-partijiet kienu damu johorgu flimkien ghal xi zmien. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, u wara sena ta' konvivenza matrimonjali l-partijiet isseparaw de facto.

L-attrici tispjega li hi kienet iltaqghet mal-konvenut meta kellha 17-il sena, u bdiet tohrog mieghu nonostante l-pariri kuntrarji tal-genituri taghha. Dak iz-zmien il-konvenut kien Malta klandestinament peress li kien skadielu l-passaport, u okkazjonalment kien jahdem minghajr permess. Anke f' dak iz-zmien l-attrici kienet taghti flus lill-konvenut mill-paga taghha,u darba minnhom skopriet li l-konvenut kien gibed mill-cashlink taghha ammonti fit-total ta' Lm70.

Nonostante dan, l-attrici kienet f' dak iz-zmien webbset rasha, peress li kienet thobb il-konvenut, u fis-6 ta' Gunju 2002 hija zzewget lill-konvenut, ad insaputa tal-genituri taghha. Minn dak in-nhar il-quddiem il-komportament tal-konvenut fil-konfront taghha nbidel kompletament.

L-attrici tirrakkonta kif mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien johrog wahdu filghaxija u jigi tard bil-lejl u gieghli anki l-ghada filghodu, filwaqt li lilha kien ihalliha wahedha d-dar.  Ta' spiss kien  jigi lura xurban u fis-sakra. Gieghli wkoll refa' idejh fuqha meta kienet tilmenta mieghu dwar il-komportament tieghu, partikolarment dwar is-suspetti taghha li kien qed jiffrekwenta nisa ohra. Huwa kien juza vjolenza fizika u morali fil-konfront taghha.

Rigward ir-responsabbilita' tal-hajja matrimonjali,  huwa ma kien jerfa' xejn minnha, u l-partijiet kienu jghixu mill-paga ta' l-attrici li kienet anke taghtih il-flus meta jkun ser johrog wahdu.  Tghid ukoll li, ghalkemm qabel ma' zzewget hi riedet it-tfal biex tibni familja, huwa qatt ma ried tfal u konsegwentement fl-att taz-zwieg huwa kien dejjem juza mezzi u metodi sabiex ma jkollhomx tfal. Qatt ma ghamel l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal.

Kienu dawn ic-cirkustanzi li wasslu lill-attrici sabiex fi zmien sena hija titlaq mid-dar matrimonjali ghal dejjem, ghax fi kliemha ma riditx tibqa' tghix aktar skjava tal-konvenut li la kien ihobbha, la kien jirrispettaha u lanqas kien jimpurtah mill-benessere taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza, da parti tal-konvenut, l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla bhala kawza ta' annullament il-kaz fejn parti tkun eskludiet obbligazzjoni essenzjali ghaz-zwieg, jew addirittura z-zwieg fih innifsu.

Mill-provi jirrizulta manifest li, ghalkemm il-konvenut esternament ghadda minn ceremonja ta' zwieg civili, internament, u b' att posittiv tal-volonta' tieghu, huwa eskluda mhux biss obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg, izda eskluda z-zwieg innifsu. Bil-komportament tieghu mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali jidher car li l-konvenut kien eskluda li jikkonvivi ma' l-attrici, allura martu, f' konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku,

huwa eskluda li jkollu tfal minn dan iz-zwieg, u eskluda li jippartecipa b' xi mod fil-piz, finanzjarju u morali, tal-hajja konjugali. Dak li ried il-konvenut minn din it-transazzjoni, li fil-forma taghha tissejjah zwieg, kien unikament li jakkwista l-permess ghas-soggjorn f' Malta u jghix minn fuq dahar l-attrici allura martu li ghaliha ma kien juri ebda rispett, anzi kien okkazzjonalment isawwatha.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 u ghandha tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Gunju 2002.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------